MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tat-2 ta' Awwissu, 2005

Numru 40/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Bonello)**

**vs.**

**Carmel sive Charles Chircop**

**Illum 2 ta’ Awissu, 2005**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Carmel sive Charles Chircop ta’ 40 sena bin Joseph u Maria nee` Debono mwieled Msida fil-05/03/64 u joqghod 14, St. Anthony Streeet, Msida li ghandu karta ta’ l-identita` numru 159564(M) gie akkuzat talli fil-15 ta’ Jannar 2005 ghall-habta tal-04.00P.M. gewwa l-ground Nazzjonali ta’

Qali limiti tar-Rabat-Malta waqt il-partita bejn Pieta` Hotspurs u Msida St. Joseph wera imgieba abbuziva billi:

Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra Nicholas Debattista persuna inkarigata minn servizz pubbliku filwaqt li huwa kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni ta' dan is-servizz;

Uza forza abbuziva kontra Nicholas Debattista li kien linesman fl-imsemmija partita u ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-imsemmi Nicholas Debattista skond kif iccertifikat Dr. Stephen Zammit M.D. ta' l-Isptar San Luqa;

Kiser il-paci pubbliku b'ghajjat u glied;

Huwa ricediv b'sentenzi moghtija fis-27-9-1990 u 10-3-2000.

Il-Qorti giet mitluba li minbarra taghti l-piena skond il-Ligi tissospendi lill-imsemmi Carmel sive Charles Chircop milli jidhol fi ground sportiv ghall-perjodu li jidhrilha xieraq.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok MPM 1 u nnutat li l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi ttrattat bi procedura sommarja minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet trattazzjoni mill-prosekuzzjoni u mid-difiza.

Il-Qorti hi tal-fehma li rigward l-ewwel akkuza li tinkwadra ruhha fl-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali, tali akkuza ma tirrizultax. Hawn il-Qorti tosserva li f'tali akkuza jehtieg li jigi ippruvat, inter alia, li vittma kienet persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun tagixxi

<u>ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti.</u> (Sottolinjar tal-Qorti).

L-artikolu 92 tal-Kodici Kriminali jghid "92. Taht il-frasi generali "ufficjal pubbliku" jidhlu mhux biss l-awtoritajiet kostitwiti, civili u militari, izda wkoll <u>dawk il-persuni kollha li huma mahtura skond il-ligi sabiex jamministraw xi parti tas-setgha esekuttiva tal-Gvern, jew biex jesegwixxu xi dmir iehor pubbliku impost mil-ligi, sew gudizzjarju kemm amministrattiv kif ukoll tax-xorta l-wahda u l-ohra".</u> (Sottolinjar tal-Qorti)

F'dan ir-rigward il-Qorti sejra ticcita is-segwenti bran minn Sentenza moghtija fl-14 ta' April, 1964, mill-Prim'Awla, fl-ismijiet "Robert Butler vs Anthony Camilleri O.B.E. Noe" *per* Onor. Imhallef Edoardo Magri: "Dina l-figura ta' ufficjal pubbliku tirrikorri wkoll fid-definizzjoni enuncjata fl-art. 91 tal-Kodici Kriminal, fejn tra altro, jinghad li "the general expression "public officer" includes …. All such persons as are lawfully appointed to administer any part of the executive power of the Government, or to perform any other public service imposed by law, whether it be judicial, administrative or mixed". Dana l-artikolu gie interpretat fis-sens li ghandu jitqies ufficjal pubbliku min lilu tigi fdata kariga mill-Gvern u minn ogranu tal-Istat, fl-interess tal-Istat u minnu dependenti………"

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-vittma f'dan il-kaz hu Nicholas Debattista li kien bhala assistant referee fil-partita futbol in kwistjoni. Mid-deposizzjoni tal-istess Nicholas Debattista moghtija fis-Seduta tal-21 ta' Jannar, 2005, inter alia, jemergi li huma ghall-kull loghba bhala linesmen jithallsu mill-MFA u cioe` mill-Malta Football Association. Dan ix-xhud ippreciza li fejn hu semma fid-deposizzjoni tieghu li hu kien linesman illi bhala kelma teknika hu kien qieghed bhala assistant referee pero` l-assistant referee u l-linesman huma l-istess haga. L-istess xhud qal ukoll: "Jiena formanti parti mill-Malta Football Referees Association u in short MFRA u nghid illi l-procedura hi li l-Malta Football Association in kwantu ghall-ufficjali tal-loghba, referee, assistant referees, eccetra, dan ghandha tehodhom mil-lista tal-persuni

registrati mill-Malta Football Referees Association li tforni din il-lista lill-MFA. Nghid imbaghad illi l-ghazla ta' l-ufficjali li imexxu l-partita jkunu maghzulin mill-Malta Football Association".

Fid-dawl tas-suespost il-Qorti hi tal-fehma li l-funzjoni ta' Nicholas Debattista fil-partita in kwistjoni ma tikkwalifikax tali funzjoni bhala dik rikjesta fl-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali u cioe` ta' persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti.

Rigward l-akkuza li l-imputat uza forza abbusiva kontra Nicholas Debattista li kien linesman fl-imsemmija partita, il-Qorti tosserva li tali akkuza hi inkwadrata fil-regolament 7 tar-REGOLAMENTI BIEX JINZAMM L-ORDNI PUBBLIKU FIL-*GROUNDS* TA' L-ISPORTS (A.L. 88 ta' l-1978). Fil-fehma tal-Qorti tali akkuza tirrizulta b'mod car mill-provi prodotti.

F'dan ir-rigward il-Qorti sejra ticcita is-segwenti bran mill-Istqarrija tal-imputat datata 15 ta' Jannar, 2005 (Dok MPM 3):

"M. Kif taf, wara il-loghba bejn it-team tieghek u dak tal-Pieta` Hotspurs kien hemm xi incident meta xi hadd ta daqqa ta' ponn lil-linesman. Nghid sew li din id-daqqa tajtielu inti?

T. Iva. Jiena tajtu id-daqqa ta' ponn ghaliex dan il-hin kont mitluf."

Dwar din l-akkuza il-Qorti tosserva li s-sussistenza ta' din l-akkuza tirrizulta wkoll minn diversi xhieda li ddeponew f'din il-kawza u f'dan ir-rigward taghmel referenza ghad-deposizzjonijiet tas-Supretendent Pio Pisani, PS86 Anthony Lia, Nicholas Debattista li lkoll xehdu fis-Seduta tal-21 ta' Jannar, 2005 u Clayton Pisani, Alan Camilleri u Paul Caruana li lkoll xehdu fis-Seduta tat-3 ta' Marzu, 2005.

Il-Qorti hi tal-fehma li rigward l-akkuza li l-imputat ikkaguna griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna tal-imsemmi Nicholas Debattista skond kif iccertifika Dr. Stephen Zammit M.D. ta’ l-Isptar San Luqa, tali akkuza giet sufficjentement ippruvata mill-Prosekuzzjoni.

Dwar l-imputat kien hu li kkaguna dawn il-griehi, il-Qorti, a skans ta’ ripetizzjoni taghmel referenza ghal dak li qalet rigward l-akkuza precendenti b’dan pero` li sejra ticcita minn bran tad-deposizzjoni tax-xhud Nicholas Debattista (Seduta tal-21 ta’ Jannar, 2005), fejn dan ix-xhud qal: “……… izda imbaghad kien hemm player ta’ l-Imsida li zammni minn wara u ghalhekk is-Sur Chircop lahaqni u tani daqqa f’wicci biz-zewg idejn. Dan laqatni f’imniehri u f’ghajnejja x-xellugija.”

F’dan ir-rigward il-Qorti sejra ukoll ticcita mid-deposizzjoni moghtija in kontro-ezami minn Dr. Stephen Zammit M.D. moghtija fis-Seduta tal-11 ta’ April, 2005 fejn dan ix-xhud qal: “B’referenza ghall-affidavit tieghi li huwa esebit bhala Dok PLS 1, nghid illi b’referenza ghal dan l-affidavit flimkien mac-certifikat mediku anness nikkonferma l-kontenut tieghu. Nikkonferma wkoll li qieghed naghraf il-firma tieghi kemm fejn tidher fuq l-affidavit kif ukoll fuq l-anness certifikat mediku. Jiena nikkonferma li dawn il-griehi li semmejt huma ta’ natura hafifa u nzid nghid ukoll illi nista’ wkoll nikkunsidrahom bhala ta’ natura hafifa u ta’ konsegwenzi minimi.”

In ri-ezami l-istess xhud fl-istess Seduta qal: “Nghid illi jiena nikklassifikahom bhala feriti hfief u ta’ konsegwenzi minimi ghaliex nghid illi effettivament li kien hemm li jidher li kienet hmura u li ma setax ikun hemm konsegwenzi ulterjuri li ahna fil-kamp mediku nsejhulu eritima.”

Hawn il-Qorti sejra ticcita bran mill-kontro-ezami tax-xhud Nicholas Debattista (Seduta tal-21 ta’ Jannar, 2005), fejn dan ix-xhud qal: “Nghid illi apparti li dak li lili Dr Zammit ordnali kif jirrizulta mic-certifikat mediku esebit bhala Dok. MPM 2 nghid illi jiena ma hadt l-ebda medikamenti wara.”

Tenut kont is-suespost u ghalhekk fid-dawl tan-natura tal-griehi sofferti minn Nicholas Debattista, il-Qorti hi tal-fehma li f'dan il-kaz japplika dak previst fl-artikolu 221(3)(b) tal-Kodici Kriminali.

Dwar l-akkuza li l-imputat kiser il-paci publika b'ghajjat u glied, liema akkuza hi ta' natura kontravenzjonali u hi inkwadrata fl-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali, il-Qorti hi tal-fehma li tali akkuza giet sufficjentement ippruvata.

F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghal bran mid-deposizzjoni ta' Nicholas Debattista (Seduta tal-21 ta' Jannar, 2005) fejn dan qal: "Nghid dan Chircop beda jigri lejja b'aggressjoni, jiena imxejt ftit passi lura biex nipprova nevitah, jiena dak il-hin evitajtu u hu dar biex jigri lejja, izda imbaghad kien hemm player ta' l-Imsida li zammni minn wara u ghalhekk is-Sur Chircop lahaqni u tani daqqa f'wicci biz-zewg idejn. Dan laqatni f'imniehri u f'ghajnejja x-xellugija. Nghid illi dak il-hin imbaghad wara li tani d-daqqa kien hemm konfuzjoni kbira u jien kont qed inhossni mhedded u nghid ghaliex barra s-Sur Chircop daru mieghi imbaghad dak il-hin numru ta' players ta' l-Imsida u dawn daru mieghi a fini ta' tghajjir. Nghid illi in kwantu ghas-Sur Chircop kien hemm players ta' l-Imsida li ppruvaw izommuh. Imbaghad dak il-hin lahquni l-pulizija u pprotegewni l-pulizija."

In kwantu ghall-akkuza li l-imputat huwa recidiv b'sentenzi moghtija fis-27-9-1990 u 10-3-2000 il-Qorti hi tal-fehma li tali akkuza giet ukoll sufficjentement ippruvata mill-Prosekuzzjoni. F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghall-Dok. ALP 2 (Vera Kopja Fotografika ta' Sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-10 ta' Marzu, 2000 per Onor. Imhallef Vincent Degaetano, illum Prim Imhallef, fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Charles Chircop" u Dok SNG 1 (Vera kopja fotostatika ta' Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-27 ta' Settembru, 1990 per Magistrat Dr Noel Cuschieri, illum Imhallef, fl-ismijiet "Il-Pulizija Spettur Victor Gauci vs Carmel Chircop".

Dwar is-Sentenza Dok. ALP 2 taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta' PS86 Anthony Lia, (Seduta tal-21 ta' Jannar, 2005) ghal dak li jirrigwarda din is-Sentenza – (Ara fol. 26 tal-Process) u rigward is-Sentenza (Dok. SNG 1) il-Qorti taghmel referenza ghall-Verbal tas-Seduta tat-3 ta' Marzu, 2005 fejn hemm verbalizzat illi: "Dr Joseph Giglio l-avukat difensur tal-imputat jezenta lill-Prosekuzzjoni milli ttella' xhud tal-identita` rigward Sentenza li vera kopja fotostatika taghha ghadha kif giet esebita llum bhala Dok SNG 1 u jikkonferma li l-imputat odjern huwa l-istess imputat riferit fis-Sentenza (Dok SNG 1)."

Hawn il-Qorti tosserva li in kwantu ghas-Sentenza DOK SNG 1, tenut kont dak previst fl-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali u fid-dawl li tali Sentenza inghatat fis-27 ta' Settembru, 1990 u cioe` oltre` minn ghaxar snin ilu mid-data tal-akkadut mertu ta' din il-kawza, l-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali mhux applikabbli rigward din is-Sentenza ida hu applikabbli l-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali. Rigward is-Sentenza Dok ALP 2 kemm l-artikoli 49 u 50 tal-Koidici Kriminali huma t-tnejn applikabbli.

F'dan l-istadju il-Qorti rigward l-akkuza li tinkwadra ruhha fir-regolament 7 tal-A.L. 88 tal-1978 liema regolament hu parti minn <u>REGOLAMENTI</u> BIEX JINZAMM L-ORDNI PUBBLIKU FIL-*GROUNDS* TA' L-ISPORTS (Sottolinjar tal-Qorti) taghmel referenza ghall-artikolu 52 tal-Kodici Kriminali li jghid illi: "52. Ghall-finijiet tad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu, fil-kundanni dwar delitti ohra, ma jitqisux il-kundanni moghtija ghal delitti maghmulin b'nuqqas ta' hsieb jew bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila f'sengha jew professjoni, jew minhabba nuqqas ta' hars ta' regolamenti, u *vice versa*".

Ghaldaqstant tenut kont li l-akkuza in kwistjoni hi inkwadrata f'regolament japplika dak previst fl-imsemmi artikolu 52 tal-Kodici Kriminali rigward din l-akkuza.

Rat ir-regolamenti 7 u 9 tal-A.L. 88 ta' l-1979, l-artikoli 31(1)(g), 49, 50, 52, 221(1) u (3)(b) u 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fid-dawl tas-suespost, in kwantu ghall-ewwel akkuza inkwadrata fl-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali stante li ma tirrizultax ma ssibx lill-imputat Carmel sive Charles Chircop hati ta' din l-akkuza u minnha tilliberah, filwaqt li ssib lill-istess imputat Carmel sive Charles Chircop hati tal-akkuzi l-ohra kollha u tenut kont ic-crikostanzi kollha tal-kaz, inkluz l-fatt li mill-Fedina Penali tal-imputat (Dok MB 1) jirrizulta li fil-passat l-imputat diga` kien instab hati f'zewg okkazzjonijiet ohra ta' reati kommessi fi *ground* tal-futbol, tikkundanna lill-istess imputat Carmel sive Charles Chircop ghall-piena komplessiva ta' hames mitt liri Maltin (Lm500) multa.

Inoltre, bl-applikazzjoni tar-regolament 9(2) tal-A.L. 88 ta' l-1978 tipprojbixxi lill-imputat Carmel sive Charles Chircop milli jattendi f'xi *ground* ta' l-isports ghal perjodu ta' sena mil-lum.

Finalment, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti torbot lill-imputat Carmel sive Charles Chircop b'obbligazzjoni personali ta' Lm100 li bl-ebda mod ma' jimmolesta lil Nicholas Debattista u li jzomm il-paci pubblika ma' kulhadd ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti tispera li din is-Sentenza tiswa ta' deterrent b'mod partikolari lill-imputat Carmel sive Charles Chircop u b'mod generali lil dawk kollha li ma jikkontrollawx ruhhom meta jkunu f'attivitajiet pubblici. Il-futbol, bhal sports iehor, hu mezz ta' divertiment ghal kull min joghgbu tali generu ta' rikrejazzjoni izda min mhux kapaci jikkontrolla ruhu m'ghandux jersaq lejn dawn l-attivitajiet qabel ma jitghallem jikkontrolla ruhu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------